TALBA TAL-FIDILI

# TNEJN TAT-18-IL ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż hu l-frott tal-ħniena kbira li Ġesù juri lill-folol li ġew warajh biex jisimgħu l-Kelma ta' Alla. Aħna wkoll irridu nirċievu l-għajxien tagħna minn kull Kelma li toħroġ minn fomm Kristu, filwaqt li nafdaw fil-providenza tiegħu li jipprovdilna l-ħobż ta' kuljum u l-ħobż ewkaristiku. Nitolbuh u ngħidulu:
R/. *Ġesù, ħobż tal-għajxien tagħna, ismagħna.*

1. Għas-saċerdoti li jqassmulna l-Kelma u l-ħobż tal-ħajja fl-Ewkaristija, biex juru ħniena quddiem kull min hu bil-ġuħ għal Kristu, nitolbu. R/.

2. Għall-profeti ta' żminijietna li, bħal Ġeremija, huma ippersegwitati għax jitkellemu favur il-verità, biex ma jehdewx jitkellmu bil-kuraġġ u jiddenunzjaw il-ħażen moħbi ta' qlub korrotti, nitolbu. R/.

3. Għall-popli li huma bil-ġuħ ħtija tal-isfruttament tar-riżorsi naturali minn pajjiżi għonja u multinazzjonali li jħallu miljuni ta' nies bil-għatx għax jakkapparraw l-ilma li hu meħtieġ għal ħajjithom, nitolbu. R/.

4. Għal dawk il-persuni għonja li jagħmlu ġesti ta' solidarjetà mal-foqra u jaqsmu magħhom il-ġid li Alla jipprovdilhom, biex il-Mulej iberikhom u jippremja l-karità tagħhom, nitolbu. R/.

5. Għalina li nersqu lejn il-mejda tal-Kelma u tal-Ewkaristija biex ngħixu bil-preżenza ta' Kristu l-ħobż tal-għajxien spiritwali tagħna, u naqsmu b'ġenerożità l-ħobż materjali mal-foqra ta' żmienna, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, agħtina qalb li tħenn u tħoss għal min ibati u jinsab bil-ġuħ. Agħtina l-kuraġġ li nitkellmu kontra l-inġustizzja u l-moħqrija tal-foqra, biex inkunu dixxipli tal-Evanġelju li inti xandart lill-fqajrin. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## TLIETA TAT-18-IL ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Il-Fariżej kienu jiskandalizzaw ruħhom għax Ġesù u d-dixxipli tiegħu ma kienux iħarsu t-tradizzjonijiet tal-missirijiet. Ġesù juri li l-valur veru tal-qdusija jikkonsisti mhux fl-osservanza esterjuri imma f'qalb umli u niedma. Nitolbu u ngħidu:
R/. *Iftħilna qalbna biex nisimgħu leħnek, Mulej.*

1. Biex il-Knisja tkun dawl għall-għomja billi tippriedka l-verità tal-Evanġelju bla biża', u biex il-ministri tagħha ma jiskandalizzawx u ma jħawwdux l-imħuħ u l-qlub bl-eżempju ħażin tagħhom, nitolbu. R/.

2. Biex il-mexxejja politiċi ma jibnux proġetti ta' dominju u ħakma, imma ta' paċi u ġustizzja favur il-ġid tal-umanità, nitolbu. R/.

3. Biex il-ġenerazzjonijiet żgħażagħ ikollhom għajnuna biex jikbru f'sens ta' fidi matura u konvinta, u mhux fuq użanzi qaddisa li jittraskuraw il-valuri tal-Evanġelju, nitolbu. R/.

4. Biex dawk li sofrew skandlu u tħawwdu fil-fidi minħabba imġieba ħażina jsibu min jgħinhom jaslu għand Alla u jirrikonċiljaw ruħhom mal-passat li sofrew mir-realtà tad-dnub li jtebba' l-Knisja, nitolbu. R/.

5. Biex il-qima li noffru lil Alla fil-festi reliġjużi tagħna tkun sinjal ta' tiġdid spiritwali u mhux ta' rabta ma' użanzi li huma aktar pagani milli Kristjani, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, eħlisna mill-ipokrisija ta' min iqis lilu nnifsu ġust għax josserva drawwiet qaddisa. Agħtina qalb sinċiera biex ma nibżgħux nikxfu l-ħażen u naħdmu għall-ġustizzja. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.
R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## ERBGĦA TAT-18- IL ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Ġesù hu l-profeta li ġie fid-dinja biex ifejjaq u jsejjaħ għall-fidi l-popli kollha u jiġma' l-imxerrdin ta' Israel fil-poplu ġdid tiegħu li hu l-Knisja. Induru lejh bit-talba tal-mara Siro-Feniċja biex jagħtina l-għajnuna li neħtieġu u biex naqilgħu fejqan u maħfra:
R/. *Mulej, għinna.*

1. Ġesù, inti l-profeta ta' Alla l-għoli. Ejja żur lill-poplu tiegħek il-Knisja, u inżel biex tifdi lill-fdal ta' Israel li hu preżenti f'dawk li jemmnu fik minkejja li huma persegwitati, nitolbu. R/.

2. Bin David, ikollok ħniena mill-bnedmin li jbatu u jixtiequ jsibu dawl u sens għal ħajjithom minkejja li ma għandhomx fidi, nitolbu. R/.

3. Int li fejjaqt lil bint il-mara Siro-Feniċja li ġriet warajk titolbok, agħti widen għall-krib tal-ommijiet li jaraw lil uliedhom tfal u żgħażagħ morda gravi fl-isptar u nissel fihom fidi fil-qawwa tiegħek li tfejjaq u tfarraġ, nitolbu. R/.

4. Għalkemm inti għidt li mhux sewwa tieħu l-ħobż tal-ulied u tixħtu lil ġriewi, imma xorta tajt kas tat-talba tal-mara msejkna. Tħalliniex ningħalqu fil-karità tagħna għall-krib ta' persuni barranin li jħabbtu ma' bieb darna, nitolbu. R/.

5. Itmagħna bil-frak tal-ħobż tal-Kelma tiegħek, biex aħna li nħossuna bogħod minnek nistgħu nsibu faraġ u salvazzjoni u nidħlu biex nieklu mill-ħobż tal-ulied fil-mejda tiegħek, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej, inti ħabbejtna b'imħabba dejjiema u qatt ma tonqos mill-fedeltà tal-patt tiegħek magħna. Imliena bil-ferħ tal-miġja tiegħek biex nilqgħu fik il-profeta li ġie jżur u jifdi lill-poplu tiegħu. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## ĦAMIS TAT-18- IL ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Il-profeta Ġeremija juri kif Alla jwaqqaf patt ġdid mal-poplu tiegħu, patt minqux mhux fuq it-twavel tal-ġebel imma fil-qlub. Dan il-patt twettaq fi Kristu, u ġie issiġillat fuq is-salib fejn Kristu wera t-tifsira vera tal-missjoni tiegħu bħala Messija. Ma' Pietru nistqarruh u nitolbuh:
R/. *Inti l-Messija, l-Iben ta' Alla l-ħaj.*

1. Għall-Papa, biex tgħinnu fl-istqarrija ta' fidi ta' Pietru, ħalli jistqarrek bħala Mulej u Kristu quddiem id-dinja, nitolbu. R/.

2. Għall-mexxejja politiċi, biex in-negozjati u t-trattati li jiffirmaw ma jkunux dokumenti mejtin, imma jġibu tassew il-paċi u l-ġustizzja fil-qlub tal-bnedmin, nitolbu. R/.

3. Għal dawk li huma għedewwa tas-salib ta' Kristu, biex ma jħallux lix-xitan jagħmihom bl-illużjoni ta' kumdità, għana u poter li bih ma jħallihomx ikunu qaddejja ta' ħuthom bħal Kristu fit-tbatija tal-passjoni, nitolbu. R/.

4. Għal dawk li jibżgħu mis-salib quddiem il-mard u l-mewt, biex il-Mulej Ġesù jimliehom bil-kuraġġ biex jifhmu li mhumiex weħidhom fit-triq li twassal mid-dlam tat-tbatija għad-dawl tal-ħajja vera, nitolbu. R/.

5. Għalina, biex niġġeddu fid-demm tal-patt il-ġdid li Kristu xerred fil-passjoni tiegħu, u ma nistħux nuru li aħna insara li nemmnu f'Messija msallab u li nimmarkaw ruħna bis-sinjal tas-salib tiegħu, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù Kristu, inti l-Iben ta' Alla l-ħaj, inti l-Messija msallab li trid toħloq fina qalb ġdida u tikteb il-liġi tiegħek fil-qlub tagħna. La tħallix li s-setgħat tal-infern joħonqu l-ħidma ta' ġid tal-Knisja tiegħek, biex hekk il-bnedmin kollha jagħrfuk bħala Mulej u Kristu. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## ĠIMGĦA TAT-18- IL ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Ġesù jistedinna biex nieħdu fuqna l-madmad tas-salib tiegħu u nimxu warajh. Li tkun dixxiplu ta' Ġesù hi l-karatteristika tan-nisrani, li jitlef ħajtu f'din id-dinja biex jakkwista l-ħajja vera. Nitolbu lill-Mulej u ngħidulu:
R/. *Għinna nimxu warajk fit-triq tas-salib.*

1. Biex il-Knisja turi lid-dinja l-valur nobbli tas-salib, billi ma tintrabatx mal-ġid materjali u mal-qawwa, imma tkun il-komunità tal-fqajrin u tal-umli, nitolbu. R/.

2. Biex l-umanità tinħall mill-iskjavitù tal-progress ekomomiku u tas-soċjetà tal-konsum li tnissel bżonnijiet artifiċjali aktar ma tkabbar il-ġid ta' ftit persuni a skapitu tal-miljuni li jibqgħu jgħixu fil-miżerja, nitolbu. R/.

3. Biex il-morda li jġorru s-salib tat-tbatija, jimtlew bil-fiduċja fi Kristu li jistieden lil min jimxi warajh biex ma jibżax mit-toqol ħelu tal-madmad tiegħu, nitolbu. R/.

4. Biex dawk iż-żgħażagħ li jħossu s-sejħa li jimxi wara Kristu aktar mill-qrib fil-ħajja ikkonsagrata jagħrfu jagħmlu ġest kuraġġuż li bih imutu għall-ġid li jgħaddi u jsibu l-vera ħajja u l-veru ferħ, nitolbu. R/.

5. Biex nagħrfu l-qawwa sovrana ta' Ġesù, li bħala Bin il-bniedem, ġej fis-saltna tiegħu biex jagħti lil kulħadd skond ma ħaqqhom l-għemejjel tiegħu, nitolbu. R/.

*Ċel:* Agħtina, Mulej, li nġorru fuqna l-madmad ħelu tas-salb tiegħek, biex insiru tassew dixxipli tal-Evanġelju, u mmewtu fina dak li hu hu tal-art ħalli ngħixu għall-valuri li jibqgħu għal dejjem. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## SIBT TAT-18- IL ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* L-għajnejn ta' Alla huma hekk safjin li Hu ma jiflaħx jara l-ħażen u l-inġustizzja. Nitolbuh biex aħna nħalluh jaqbadna fl-imħabba tiegħu u li jagħtina l-fejqan biex neħilsu mill-ispirtu tal-ħażen li jxekkilna:
R/. *Mulej, ikollok ħniena minna.*

1. Għall-ministri tal-Knisja, biex bil-qawwa tat-talb u tas-sawm jirbħu lill-Ħażin u jagħtu fejqan lil dawk li jersqu bil-fidi ħalli jindafu permezz tal-Kelma u tas-Sagramenti, nitolbu. R/.

2. Għal dawk il-bnedmin studjużi li tilfu l-fidi, biex iħallu lil Alla jkellem lir-raġuni tagħhom u jindunaw bil-preżenza tiegħu f'dak kollu li jagħmlu u jiskopru, nitolbu. R/.

3. Għall-missirijiet li huma mnikktin minħabba l-mard jew il-faqar fil-familji tagħhom, l-aktar għal dawk fosthom li huma bla xogħol, nitolbu. R/.

4. Għal dawk li, fid-disperazzjoni, marru jsibu soluzzjoni tal-problemi tagħhom għand persuni li jeżerċitaw l-okkult u l-maġija, biex isibu ħelsien minn dan il-jasar li ma jagħti qatt soluzzjoni vera, nitolbu. R/.

5. Għalina, biex nifhmu l-valur tas-sawm u tat-talb fil-ħeġġa tagħna li nsaffu l-ħarsa spiritwali tagħna u naraw lil Alla preżenti f'ħajjitna, nitolbu. R/.

*Ċel:* Missier qaddis, inti trid tmil fuq il-bniedem diżabbli fl-ispirtu u fil-ġisem, u tagħtih il-fejqan biex jimxi ferħan fuq saqajh, agħtina l-vera libertà tal-ispirtu biex neħilsu mit-taħwid tax-xitan u niksbu l-paċi li inti tagħti lil dawk li jitolbuk ħniena u maħfra. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

TALBA TAL-FIDILI

# **ID-DSATAX-IL ĦADD MATUL IS-SENA** (Ċ)

*Ċel:* Ġesù jwissina biex nishru ħalli meta Hu jiġi jsibna lesti biex nilqgħuh u naqduh, u jdaħħalna fil-festa tat-tieġ ta' dejjem. Nitolbu biex inkunu dejjem lesti li nilqgħu l-miġja tal-Mulej fil-ħajja tagħna, bi spirtu ta' qaddejja umli u mimlijin fidi:
R/. *Mulej, għinna nistennewk bil-fidi.*

1. Biex il-Knisja tishar fit-talb u fl-istennija ta' Kristu u turi lill-bnedmin l-importanza li ma jintrabtux mal-ġid tal-art imma jqiegħdu t-teżor ta' qalbhom fis-sema, nitolbu. R/.

2. Biex dawk il-persuni li f'pajjiżna jinvestu f'lokali ta' divertiment għaż-żgħażagħ ma jisfruttawx l-età żagħżugħa tagħhom biex iwassluhom għal modi ta' divertiment diżonest u bla rażan, nitolbu. R/.

3. Biex il-ħaddiema jżommu relazzjonijiet tajbin ma' min jagħtihom ix-xogħol, u jaqdu dmirhom bl-onestà u bi spirtu ta' servizz, nitolbu. R/.

4. Biex dawk li jinsabu fi tmiem il-ħajja jistennew bil-ferħ u bil-fidi tan-nies ġusti l-miġja ta' Ġesù bħala mħallef mimli ħniena, nitolbu. R/.

5. Biex aħna nikbru fil-fidi ta' Abraham u ta' dawk li stennew il-miġja ta' Kristu, ħalli nagħtu raġuni quddiem id-dinja tat-tama li għandna fil-ħajja ta' dejjem li nistennew bil-ħerqa, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla, agħmel li fi qlubna taqbad l-istess fidi li wasslet lil Abraham biex jgħix f'din id-dinja bħala pellegrin, u li ma jintefiex il-musbieħ tal-fidi tagħna, biex hekk nishru fl-istennija tal-miġja ta' Kristu Ibnek, li jdaħħalna miegħu fit-tieġ tas-saltna tiegħek u jaqdina bħala qaddejja fidili tiegħu. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## 29 ta' Lulju
## Tifkira ta' Santa Marta

*Ċel:* Il-Mulej Ġesù sab ospitalità u mħabba fid-dar ta' Marta, Marija u Lazzru f'Betanja. Hu għallem il-valur tal-qadi ġeneruż u tas-smigħ tal-Kelma tiegħu bil-fidi tad-dixxipli, li tagħhom Marta u Marija huma mudelli. Nitolbu biex aħna nikbru f'dawn il-valuri:
R/. *Mulej, għallimna nisimgħuk u naqduk.*

1. Biex il-Knisja tkun id-dar li tilqa' fi ħdanha lill-bnedmin kollha li jinsabu fil-vjaġġ tal-ħajja, ħalli titmagħhom bil-Kelma ta' Kristu u bil-ħobż tal-karità, nitolbu. R/.

2. Biex il-poplu tagħna jgħożż id-don tal-ospitalità u l-akkoljenza ta' min hu barrani u bla dar, u jitgħallem jaqsam il-ġid ekonomiku ma' min hu nieqes mill-meħtieġ għall-ħajja, nitolbu. R/.

3. Biex in-nisa li jaħdmu bħala "helpers" ta' anzjani u "carers" ta' persuni morda jew diversament abili jaqdu l-missjoni tagħhom bl-imħabba ta' Marta, bħallikieku qed jaqdu lil Ġesù nnifsu, nitolbu. R/.

4. Biex tiġi apprezzata l-missjoni tal-ħidma tal-omm fid-dar, u biex is-sistemi ekonomiċi ma jisfruttawx lill-mara għax-xogħol bi skapitu għat-trobbija umana u l-edukazzjoni tal-ulied, nitolbu. R/.

5. Biex aħna nsiru qaddejja umli ta' ħutna batuti, foqra u morda, li fihom naraw lil Kristu pellegrin, u biex nixxenqu dejjem għal kull kelma li toħroġ minn fommu, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù Kristu, fil-vjaġġi tiegħek minn Ġeriko għal Ġerusalemm inti kont tieqaf Betanja għand il-ħbieb tiegħek Marta, Marija u Lazzru. Huma kienu jilqgħuk, jaqduk u jisimgħu l-kelma tiegħek, u lilhom ħabbart il-misteru tal-qawmien għall-ħajja meta qajjimt lil Lazzru mill-mewt. Agħtina li ngħożżu d-don tal-ħbiberija u l-akkoljenza tiegħek fil-persuni li tlaqqagħna magħhom f'ħajjitna, biex hekk ngħixu l-Kelma li nisimgħu minn fommok. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## 2 ta' Awissu
## FESTA TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TAL-ANĠLI TAL-PORIUNCOLA

*Ċel:* Ġesù ried jagħtina lil Ommu Marija bħala omm il-ħniena. San Franġisk għamel esperjenza ta' din il-ħniena fil-kappella ċkejkna ta' Santa Marija tal-Anġli, jew tal-Porziuncola, fejn hu talab maħfra u ħniena għal dawk kollha li jersqu niedma f'dan il-post qaddis. Nitolbu biex bl-interċessjoni ta' Marija, aħna niksbu ħniena u maħfra:
R/. *Ħares lejna bil-ħniena, Mulej, u aħfrilna.*

1. Għall-ministri tal-Knisja, biex ikunu strumenti tal-ħniena u l-maħfra ta' Alla fil-ministeru tagħhom, nitolbu. R/.

2. Għal kull min għandu responsabiltà, biex jimxi bil-ħniena u l-mogħdrija ma' min jiżbalja, u joffrilu mezzi biex ibiddel ħajtu, nitolbu. R/.

3. Għall-Ordni Franġiskan li twieled għad-dell tal-kappella tal-Porziuncola, biex jiskopri kuljum is-sejħa evanġelika tiegħu u jgħixha b'xhieda ta' ħniena, sempliċità u ferħ, nitolbu. R/.

4. Għall-midinbin li jippruvaw jikkonvertu, biex Marija tkun għalihom għajn ta' maħfra u faraġ li twassalhom bil-kuraġġ għand Binha Ġesù, nitolbu. R/.

5. Għalina, biex is-sehem tagħna fis-sagramenti tal-Penitenza u tal-Ewkaristija jkun għalina okkażjoni biex naqilgħu ħniena u maħfra, f'għaqda mal-Knisja kif għamel San Franġisk meta talab l-Indulġenza tal-Porziuncola, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, inti għażilt lil San Franġisk biex fil-kappella ċkejkna tal-Porziuncola jaqla' l-ħniena tiegħek bl-interċessjoni tas-Sultana tal-Anġli, agħtina li nsibu f'Marija Ommok l-omm kollha ħniena, il-ħajja, il-ħlewwa u t-tama tagħna. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## 6 ta' Awissu
## FESTA TAT-TRASFIGURAZZJONI TAL-MULEJ

*Ċel:* Alla ried jiddi bil-glorja tiegħu fuq il-wiċċ ta' Kristu trasfigurat fuq it-Tabor, u filwaqt li dehru ma' Ġesù Mosè u Elija biex juru li hu ġab għall-perfezzjoni l-Liġi u l-Profeti, il-leħen tal-Missier stieden lill-appostli biex jisimgħu l-leħen ta' Ibnu l-għażiż. Nitolbu biex aħna wkoll ninbidlu minn glorja għal glorja fl-għaqda tagħna ma' Kristu:
R/. *Agħtina li nisimgħu leħen Ibnek l-għażiż.*

1. Ġesù deher trasfigurat waqt li kien jitlob. Missier, biddel il-Knisja tiegħek fix-xbieha tal-glorja tiegħek bil-qawwa tat-talb tal-membri tagħha, nitolbu. R/.

2. Ġesù tela' fuq il-muntanja tat-trasfigurazzjoni qabel telaq fil-vjaġġ li kellu jwasslu Ġerusalemm għall-passjoni. Missier, akkumpanja lill-umanità mitlufa fid-dlam u l-biża' tal-mewt bid-dija tal-glorja ta' Ibnek li jimlieha bit-tama tal-ħajja ta' dejjem, nitolbu. R/.

3. Ġesù deher jiddi bejn Mosè u Elija. Missier, żomm il-poplu ta' Israel fil-fedeltà tiegħu lejn il-Liġi u l-Profeti, u iftaħlu għajnejh għar-rivelazzjoni sħiħa tagħhom fi Kristu, nitolbu. R/.

4. Ġesù għamel il-kuraġġ lill-appostli u qalilhom biex ma jibżgħux. Missier, imla' bil-kuraġġ lil kull min ibati, jew qata' qalbu, jew tilef il-fidi, u dawwlu bil-kelma setgħana ta' Ibnek li tfejjaq u tfarraġ, nitolbu. R/.

5. Ġesù hu l-Iben għażiż li l-Missier jistedinna nisimgħuh ikellimna. Missier, biddilna bil-qawwa tal-Kelma ta' Ġesù u tal-Ewkaristija li fiha Hu jibdilna fil-ġisem u d-demm tiegħu, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla Missierna, kbir hu l-misteru tal-ħniena tiegħek fi Kristu Ibnek, li deher fil-ġisem u ġie iġġustifikat fl-Ispirtu. Agħtina li t-tifkira ħelwa ta' Ġesù trasfigurat tixxandar lill-ġnus kollha biex il-bnedmin jisimgħu leħen Ibnek l-għażiż, li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.